**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, tmienja (8) ta' Ottubru 2024

Kawża Nru 33/2024

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Bernard Charles Spiteri)**

Vs

**Peter Paul Said**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Peter Paul Said** ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben il-mejtin Anthony u Mary nee Calleja, imwieled Rabat, Għawdex nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju 1988 u residenti numru wieħed u għoxrin (21), Triq Binġemma, Nadur Għawdex detentur tal-karta' tal-identita' bin-numru 23588(G) talli nhar it-tnax (12) ta' Jannar 2024 f'xi

ħin għall-ħabta tal-għaxra ta' bil-lejl (10.00p.m.) u fil-ħinjiet ta' qabel fin-Nadur u Rabat Għawdex u/jew fil-gżira ta' Għawdex fi xhur ta' qabel:

(1) ikkaġuna biża' lil Leonard Tabone u Lorenzo Tabone, li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta tagħhom;[1]

(2) u aktar talli fl-istess lok, ħin, data u ċirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid bi kliem jew b'mod ieħor lil Leonard Tabone u Lorenzo Tabone;[3]

(4) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb kontra l-persuna ta' Leonard Tabone u Lorenzo Tabone sabiex jinġurjahom, idejjaqhom jew jagħmlilhom l-ħsara.[4]

F'kaz ta' ħtija il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Leonard Tabone u Lorenzo Tabone u dan ai termini tal-Art. 382A u 383 *et seq*. tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri

[1] Artikolu 251B tal-Kap. 9
[2] Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9
[3] Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9
[4] Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9

maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tnax (12) ta' Jannar 2024 għall-ħabta tal-għaxra ta' bil-lejl (22:00hrs) l-akkużat Peter Paul Said mar fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex. Bir-ragħwa f'ħalqu huwa beda jgħajjat u jhedded lil Leonard u Lorenzo Tabone magħrufa bħala "Ta' Nardu" li kien sejjer jaqtagħlhom rashom barra għax beda jsostni li kienu serqulu tlett (3) ċwievet mill-mazz taċ-ċwievet li kellu. Said beda wkoll jagħti fuq il-perspex tal-Għassa u kompla jindirizza kliem ta' theddid fil-konfront tal-istess Tabone fil-presenza tal-uffiċċjali tal-Pulizija li kienu preżenti.

Il-Pulizija għamlu kuntatt ma' Leonard Tabone fejn ġie mistoqsi għar-rigward taċ-ċwievet ta' Said. Tabone stqarr mal-Pulizija li Peter Paul Said kien ipprova jidħol ġewwa l-ħanut tiegħu li huwa għandu fi Triq

Diċembru 13 fin-Nadur, Għawdex għax Peter Paul Said ried jixrob imma Tabone ma kienx ħallieh jixrob għax kien xurban. F'ħin minnhom lil Peter Paul Said waqagħlu ċ-ċwievet. Tabone ġabarhomlu dak il-ħin stess u għaddiehom lil Said. Tabone stqarr wkoll mal-Pulizija li f'ħin minnhom it-tnejn kienu sejrin jiġu fl-idejn għax Said beda jsostnu li Tabone kien ħadlu xi ċwievet. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn il-ħanut bl-isem "Ta' Nardu" u anke fejn il-każin tal-football tan-Nadur. Dak il-ħin it-tnejn kienu magħluqin u saret tfittxija għaċ-ċwievet. Din it-tfittxija irriżultat fin-negattiv. In vista tat-theddid li kien sar fil-konfront ta' Leonard u Lorenzo Tabone, ġie infurmat l-Ispettur tal-Għassa li min-naħa tiegħu għamel kuntatt mal-Maġistrat tal-Għassa. Din tal-aħħar tat ordni li Peter Paul Said kellu jinżamm taħt arrest. Din ma kinitx l-ewwel darba li l-akkużat mar fil-ħanut tal-familja Tabone u kien tal-anqas mar fil-ħanut fi tlett okkażżjonijiet oħra u kull darba n-nies fil-ħanut ta' Tabone kienu jispiċċaw jitilqu 'l barra għax jibżgħu.

Ikkunsidrat:

- **<u>L-Ewwel (1) Akkuża – Artikolu 251B tal-Kap. 9</u>**

Sabiex tkun tista' tinstab ħtija taħt l-artikolu 251B tal-Kap 9, huwa fundamentali li jirriżulta *a course of conduct* li jwassal lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażżjonijiet. Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna</u>**[5] ġie rilevat li jista' jkun hemm aktar minn okkażżjoni

[5] Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża fil-21 ta' Frar 2012.

waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Il-Qorti kompliet tispeċifika li biex jissussisti r-reat in diżamina, is-suġġett attiv tar-reat irid ikun aġixxa b'mod tali li pprovoka sensazzjoni ta' biża' fis-suġġett passiv tar-reat f'iktar minn okkażjoni waħda u li tali okkażjonijiet jeħtieġ li jkunu qrib xulxin fiż-żmien.

Mill-provi prodotti, partikolarment mix-xhieda ta' Leonard u Lorenzo Tabone irriżultaw is-segwenti fatti:

(a) li bejn Diċembru 2023 u t-tnax (12) ta' Jannar 2024 l-akkużat kien mar fil-ħanut ta' Tabone xejn anqas minn erba' (4) okkażżjonijiet differenti;

(b) l-akkużat kien jispiċċa jmur għandhom wara li jkun għadu kemm iġġieled fil-każin tal-football tan-Nadur, li jiġi faċċata tal-ħanut ta' Tabone. F'kull okkażżjoni l-akkużat kien imur b'atteġġjament ta' ġlied. Infatti Leonard Tabone jistqarr li n-nies li kien ikollu fl-isnack bar tiegħu kienu jitilqulu 'l barra x'ħin jaraw *"bniedem ġie qisu għall-ġlied"*[6] għax kienu jibżgħu. Huwa jkompli jgħid kif l-akkużat kien jitolbu flixkun birra u huwa kien jirrifjuta li jagħtih. Dan għaliex l-akkużat kien ikun għadu kemm ġej minn ġlieda u Tabone kien jibża' mill-konsegwenzi li kieku setgħu jirriżultaw li kieku kellu jgħaddilu il-flixkun tal-birra f'dawk iċ-ċirkostanzi. L-

[6] Fol. 47 tal-proċess.

akkużat imbagħad kien isir aktar aggressiv u jinfexx f' tgħajjir fil-konfront tiegħu;

(c) Leonard u Lorenzo Tabone jistqarru wkoll kif kemm huma kif wkoll il-membri tal-familja tagħhom kienu jibżgħu kull darba li l-akkużat kien jidħol fil-ħanut tagħhom. Dan kemm minħabba l-atteġġjament tiegħu u anke minħabba l-kliem ta' theddid li kien jgħid fil-konfront tagħhom: *"U ħa naħraqkom." U ħa nibkom wieħed wieħed!" darba qalli. Ħeqq. Jiena hemmhekk ikolli l-mara u t-tifla, iwerwirhom kull darba kull x'ħin jiġi hemmhekk, barra t-tfal li jkun hemm."*[7] Fl-okkażżjoni tat-tnax (12) ta' Jannar 2024 l-akkużat saħansitra hedded lill-parte civile li huwa kien sejjer joqtolhom talli Leonard Tabone żammu milli jidħol fil-ħanut tiegħu. Leonard Tabone kien jinsisti mal-akkużat biex iżomm 'l bogħod mill-ħanut tiegħu għax bil-presenza tiegħu l-akkużat kien qed jikkawża biża' lilu, lill-membri tal-familja tiegħu u lill-klijenti tiegħu li jispiċċaw imbagħad jitilqu 'l barra mill-ħanut: "*Imma jiena, ħeqq, ħeqq, jiġilek hemm ġew, xebgħa inkwiet, jien x'ħa nagħmel! Ngħidlu idħol."*[8]

Tenut kont il-fatti kif esposti, l-ewwel akkuża ġiet ampjament ippruvata mill-Prosekuzzjoni għax l-elementi kollha tar-reat kontemplat fl-artikolu 251B jirriżultaw. Jidher ċar kif bl-aġir tiegħu l-akkużat ikkaġuna biża' lil Leonard u Lorenzo Tabone kif wkoll lill-membri tal-familja tagħhom li

[7] Xhieda ta' Leonard Tabone, fol. 48 tal-proċess.
[8] Ibid.

sejra tintuża’ vjolenza kontra tagħhom u li dan l-agir seħħ f’aktar minn okkażżjoni waħda.

- **<u>It-Tieni Akkuża – Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9</u>**

It-tieni akkuża tikkonċerna l-ksur tal-buon ordni u l-paċi pubblika. Kif irrimarkat il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Rocco D’ Alessandro</u>**,[9] sabiex tinstab ħtija taħt din il-kontravvenzjoni huwa fundamentali li *"jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba c-cirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta' inkwiet jew tħassib f’moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew imputat) dwar l-inkolumita` fiżika ta’ persuna jew dwar l-inkolumita` ta’ proprjeta`, kemm b’rizultat dirett ta’ dak l-għemil jew minħabba l-possibilita` ta’ reazzjoni għal dak l-għemil. Naturalment dawn iċ-ċirkostanzi jridu jkunu tali li oġġettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew tħassib."*

Din il-Qorti wkoll tqis li din il-kontravvenzjoni ġiet ampjament ippruvata. Tal-anqas fi tlett (3) okkażżjonijiet meta l-akkużat mar fil-ħanut tal-parte civile, in-nies li l-parte civile kellu fil-ħanut tiegħu kienu jitilqu ’l barra għaliex kienu jibżgħu għall-inkoluminita fiżika tagħhom. Kif ġia rilevat Leonard Tabone kien qed jinsisti mal-akkużat biex ma jersaqlux lejn il-ħanut propju biex la jwerwirlu lill-familja tiegħu u lanqas lin-nies li kienu

[9] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta’ Mejju 2013 (Appell Kriminali Numru 223/2012). Riportata wkoll fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>The Police vs Joseph Feilazoo</u>*** (Appell numru 44/2019) deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta’ Mejju 2019.

jkunu għandu għall-ikel. Il-presenza tal-akkużat fil-ħanut kienet tfisser inkwiet għall-parte civile.

- **<u>It-Tielet Akkuża – Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9</u>**

B'riferenza għar-reat kontravvenzjonali ravviżat fl-artikolu 339(1)(e), il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkummentat li:

> *"Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, theddida tfisser li l-aġent jipprospetta lil persuna oħra ħsara inġusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band' oħra fil-Kodiċi, e.z. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess aġent."*[10]

M'hemmx dubju li dan ir-reat kontravvenzjonali jirriżulta. Kemm waqt li huwa kien qed jipprova jidħol fil-ħanut tal-parte civile dakinhar tat-tnax (12) ta' Jannar 2024, kemm fl-okkażżjonijiet preċedenti meta rnexxielu jidħol fil-ħanut kif wkoll waqt li kien fl-Għassa tal-Pulizija, l-akkużat indirizza kliem ta' theddid fil-konfront tal-parte civile. Kif ġia indikat, il-parte civile xehdu kif l-akkużat heddihom li se jaħraqhom u anke li kien se joqtolhom. Fl-Għassa tal-Pulizija meta l-akkużat mar jirrapporta l-fatt li kienu insterqulu xi ċwievet, huwa wkoll hedded lill-

[10] Pul vs Joseph Frendo, Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-7 ta' Lulju 1995.

istess parte civile billi indika lill-Pulizija li lill-parte civile kien sejjer jaqtgħalhom rashom barra, jagħtihom daqqa fil-parti privata tagħhom u li kien se jixorbilhom demmhom. Dan it-theddid tant kien klassifikat bħala serju li l-Maġistrat tal-Għassa ordnat li l-akkużat jinżamm taħt arrest u eventwalment wkoll kien tressaq b'arrest il-Qorti biex jiffaċċja l-akkużi odjerni.

- **<u>Ir-Raba' Akkuża – Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9</u>**

Fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Joseph Pace</u>**,[11] il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet spjegat li:

> *"Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna sseħħ meta persuna tħebb kontra persuna oħra sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara lil dik il-persuna l-oħra jew lil ħaddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali. Biex persuna tħebb kontra persuna oħra ma hemmx għalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiżiku; biżżejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna oħra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi aħjar il-kunċett ta'*

[11] Deċiża fid-9 ta' Mejju 1997

*'ħebb': '… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …' Jekk ikun hemm kuntatt fiżiku multo magis wieħed jista' jgħid li wieħed ħebb għal persuna oħra, sakemm il-fatt ma jammontax għal xi reat ieħor jew reat aktar gravi"*[12]

Issir riferenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Omissis*** fejn ġie enfasizzat illi:

*"Sabiex din l-akkuża tirriżulta ma hemmx bżonn li l-akkużat jikkaġuna feriti iżda anke s-sempliċi attentat ta' kaġunar ta' ferita jammontaw ghal dan ir-reat."*[13]

Dan ir-reat irriżulta wkoll mill-provi prodotti. Mix-xhieda ta' Lorenzo Tabone jirriżulta li dakinhar tat-tnax (12) ta' Jannar 2024 kien hemm *"manifestazzjoni ta' forza fiżika"* da parti tal-akkużat indirizzata lejn missieru u ommu u dan billi persistentement l-akkużat ipprova jidħol fil-ħanut minkejja li ingħata struzzjonijiet biex ma jidħolx mill-istess parte civile. Infatti x-xhud spjega li:

---

[12] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Caven Cutajar** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Settembru 2020 kif wkoll **Il-Pulizija vs David Farrugia** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Jannar 2022.

[13] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Lawrence Gerada**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, nhar is-16 ta' April 2021; **Il-Pulizija vs Harold Gerada**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-16 ta' April 2021.

> *"Ġie l-ħanut, ried jidħol il-ħanut imma ommi u missieri kienu qed jagħlqu dak il-ħin, u għidnielu biex ma jidħiolx. Ipponta kemm -il darba jipprova jidħol u kull darba ngħidulu jitlaq 'l barra."*[14]

Id-difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha isostni li l-inċidenti ġraw f'kuntest fejn l-akkużat kien taħt l-influwenza tal-alkoħol. Pero kif jistabilixxi l-artikolu 34(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta is-sokor ma jistax jinġab bħala eċċezzjoni kontra akkużi kriminali. Għandhom jiġu esklużi wkoll l-applikabbilita tal-eċċezzjonijiet kontemplati fl-artikolu 34(2) tal-Kap. 9. L-abbuż mill-alkoħol ma kienx riżultat ta' xi għemil doluż jew negliġenti ta' persuna oħra. Lanqas ma jista' jingħad li l-akkużat kien fi stat ta' ġenn riżultat tal-fatt li huwa ikkonsma l-alkoħol qabel. Dan huwa konfermat mill-filmati tal-*body cams* tal-Pulizija li ġew esebiti. Għalkemm dawn jindikaw li l-akkużat seta' kien taħt l-effett tal-alkoħol, assolutament mhux il-każ li huwa kien xi stat ta' ġenn tant li l-istess akkużat kellu konversazzjonijiet (f'xi waqtiet pjuttost animati mal-Pulizija) u fl-aħħar mill-aħħar huwa anke segwa l-ordnijiet li huma tawh. Din id-difiża għalhekk qed tiġi respinta kompletament.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

---

[14] Fol. 49 tal-proċess.

L-ewwel (1) akkuża li tagħha l-akkużat sejjer jinstab ħati hija akkuża serja ħafna. Din il-Qorti tqis wkoll li l-akkużat ma iddejjaq xejn juża kliem b'konnotazzjonijiet pjuttost vjolenti b'riferenza għall-parte civile. Dan meta kien fl-Għassa tal-Pulizija imdawwar b'numru ta' uffiċjali tal-Pulizija. Il-Qorti għalhekk temmen li għandha tibgħat messaġġ ċar li f'soċjeta ċivili mhux aċċettabbli u ġustifikat li xi persuna tipprova tintimida lill-persuni oħra jew inkella tnissel fihom biża, aktar u aktar f'ċirkostanzi fejn il-vittmi kienu għall-affari tagħhom fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Il-Qorti għalhekk temmen li fiċ-ċirkostanzi għandha timponi terminu ta' priġunerija li pero għandu jiġi sospiż bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9. Dan se jkun l-aħħar ċans li sejjer jiġi mogħti lill-akkużat fi sforz sabiex jitgħallem li fis-soċjeta irid iġib ruħu sew. A tenur ta' dak li jistabilixxi l-artikolu 17(d) tal-Kap. 9 peress li sejjer jiġi impost terminu ta' priġunerija li se jkun jeċċedi t-tlett (3) xhur (liema terminu ta' priġunerija sejjer ikun sospiż kif ingħad), sejra tingħata biss il-piena għad-delitt ravviżat fl-ewwel (1) akkuża u mhux sejra tingħata piena għar-reat kontravvenzjonali li wkoll sejjer jinstab ħati tagħhom.

Fl-istess ħin mill-atti irriżulta wkoll li l-akkużat għandu problema tax-xorb. Fil-mori ta' dawn il-proċeduri din il-Qorti diversament preseduta kienet ġia ħarġet ordni ta' trattament minħabba dan it-tip ta' abbuż.[15] In vista tal-fatt li anke kif irriżulta min-nota tal-Uffiċjal tal-Probation Joseph Mizzi jidher li għadu ma sar l-ebda progress fir-rigward, il-Qorti temmen li huwa essenzjali li jibqa' dan l-Ordni ta' Trattament anke fi

[15] Fol. 60 tal-proċess.

sforz sabiex l-akkużat jirrijabilita ruħu. Kif indikat mid-difiża fis-sottomissjonijiet finali tagħha, ix-xorb huwa waħda mir-raġunijiet għalfejn l-akkużat jispiċċa fl-inkwiet.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 251B, 338(dd), 339(1)(e) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħda issib lill-akkużat **ħati tal-akkużi kollha** dedotti fil-konfront tiegħu u qiegħda tikkundannah għall-perijodu ta' **sena (1) priġunerija**, liema perijodu ta' priġunerija, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jiġi sospiż għal żmien sentejn mil-lum.

A tenur tal-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilita tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija matul il-perijodu operattiv tas-sentenza.

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati Peter Paul Said u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikultajiet relatati mal-vizzju tax-xorb, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tqiegħed lill-ħati taħt Ordni ta' Trattament **għal perjodu ta' tlett (3) snin** mil-lum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma' din

is-sentenza, liema digriet għandu jitqies li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għall-kondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Finalment wara li rat l-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u peress li jeżistu r-raġunijiet indikati fl-artikolu 412C(1) tal-istess Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati u dan sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-vittmi Leonard Tabone u Lorenzo Tabone u l-membri tal-familja tagħhom. L-ordni qed tiġi magħmula **għal żmien tlett (3) snin mil-lum** taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment ma' din is-sentenza. Il-Qorti fehmet lill-ħati bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw jekk huwa jikser tali ordni ta' trażżin.

(ft.) Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur